# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Appell Nru. 52/2002

Il-Pulizija
(Spettur Martin Bayliss)
(illum Supretendent)

Vs

Lorenza Dimech

Seduta tal-Hamis 27 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti:

1) Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Jannar, 1998, fil-kapacita' taghha bhala ghalliema gewwa l-iskola, bl-isem ta' Bambi School, li tinsab gewwa Sacred Heart Avenue, San Giljan, xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m. gewwa l-istess skola imsemmija, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kienet irresponsabbli fix-xoghol li kienet inkarigata taghmel u cioe' naqset hafna mid-doveri taghha meta halliet klassi tfal b'eta zghira wahedhom minghajr l-ebda sorveljanza, u b'liema agir wegga gravi, tifel ta' hames (5) snin, u cioe' Nicholas Stivala, minn B'Bugia, hekk kif gie ccertifikat mit-tabib Dr. Jonathan Joslin MD, tal-isptar San Luqa, wara li dan l-istess tifel waqa' gholi ta' sular, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 225 u 226, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 226 (1)(a) b'referenza ghall-Artikolu 218 (1) (a) u (2) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hatja u kkundannat lill-istess appellanti ghall-piena ta' multa fl-ammont ta' erba mitt lira Malta (LM400).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2002, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi l-esponenti tigi ddikjarata mhux hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kwindi tilliberaha skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fil-qosor li dak li gara kien biss "fatt accidentali" u li dak li gara ma kienx prevedibbili u allura ma jezisti ebda reat izda biss "casus" ; li ma kienx prevedibbli li it-tifel Nicholas Stivala , wara li allontanat ruha mill-klassi , kien mhux biss ser johrog mill-klassi imma ukoll johrog siggu u jpoggieh u jixxabbat bih mar-railings u, minkejja li tifla ohra qaltlu biex ma jaghmilx dan , egheleb ghall-isfel. Illi l-appellanti kienet agixxiet b'mod responsabbli u fil-parametri ta' dak li l-ligi tqis li hu komportament ta' "bonus paterfamilias" ; Illi kienet tkun imprudenti kieku talbet lil xi ghalliema ta' xi klassi ohra vicina u fuq l-istess sular li tiehu hsieb it-tfal tal-klassi taghha , ghax tkun qed tpoggi lit-tfal tal-klassijiet l-ohra fil-perikolu ; Illi kienet prassi accettata li t-tfal imorru it-toilet wahedhom; li ma giex pruvat in-"nexus" li ghandu jezisti bejn l-att tal-appellanti u r-rizultat ahhari biex l-appellanti tkun tista' titqies kriminalment responsabbli ; Illi fl-"iter" tal-fatti kien hemm rottura minhabba fatt kommess mit-tifel Nicholas Stivala li ma kienx prevedibbli ; Illi umbaghad kien hemm nuqqas serjissimu da parti tal-awtoritajiet tal-iskola li kien wiehed tant effettiv minn-natura tieghu li kellu jgib bhala konsegwenza l-liberazzjoni tal-appellanti mill-imputazzjoni dedotta kontra taghha u li ma kienx biss

wiehed kontributorju li seta' jittiehed biss ghall-finijiet tal-piena.

Ezaminat bir-reqqa kollha l-atti processwali inkluzi dawk tal-atti tal-inkjesta magisterjali li jiffurmaw parti integrali mill-provi processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-appellanti u tal-Prosekuzzjoni ;

Rat il-verbal a fol. 72 tal-process fejn jintqal - ovvjament bi zball - il-kliem : " Xehed : Dr. Joe Galea Debono" , meta a fol.73 jidher car li ix-xhud li ddepona kien Dr. Anthony Galea Debono , il-konsulent fin-newrologija li ghalkemm jigi hu l-Imhallef sedenti , ma kellu ebda kuntatt jew konnessjoni mieghu dwar dan il-kaz, u ghalhekk certament li ma hemm ebda raguni jew lok ghal astensjoni da parti tal-Imhallef Sedenti skond il-ligi .

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-incident sfortunat gara fl-14 ta' Jannar, 1998 gewwa il-Bambi School go San Giljan , meta ghall-habta tad-9 a.m. , ftit tal-hin wara li l-appellanti li kienet it-teacher responsabbli mill-Primary Class, harget mill-klassi u nizlet isfel fl-ufficcju tas-segretarja tal-iskola biex iggib xi karti ghall-ezami . Jidher li ftit wara li harget l-appellanti , mill-istess klassi hareg warajha tifel ta' hames snin Nicholas Stivala u dana instab isfel taht it-tarag, hdejn l-ahhar targa , mitluf minn sensieh u bi trawma serjissima f'rasu li ikkagunatlu debilita' ta' natura permanenti , apparti li kien ghamel xi zmien fil-periklu tal-mewt .

Illi mill-ezami li ghamlet din il-Qorti tal-atti processwali tidher ferm determinanti u rilevanti id-deskrizzjoni tal-incident li tat ix-xhud okulari ANIKA DIMECH ta' origini Jugoslava li rat l-incident jizvolgi ruhu quddiem ghajnejha u li iddeskrivietu testwalment hekk b' Ingliz forsi mhux tant felici :-

> "...I noticed that there was one of the children coming down the stairs sideways , one hand on the bannisters and the other hand down , going down the stairs one foot after the other , sideways . I state that he had in fact his left hand on the railings of the staircase..."
> " ..... I did not take so much notice of this young boy , since he was not under my care . I recollect that the boy slipped , let go his hand from the railing , like skipped the steps, fell on the floor and rolled down the last few steps , and then when I saw that this young boy did not move , I screamed out that the boy has fallen." (Sic.)
> "..... The boy was alone when he fell from the staircase ..."
> "..... It was an uninterrupted fall and the little boy fell on his head. I had seen this little boy's teacher (l-appellanti) come down before him , but I did not know that this little boy belonged to her . I am not in a position to say how long the teacher had been away from class . However I can confirm that the teacher had left the class and passed by me before the boy fell."

Illi fid-dawl ta' din ix-xiehda , dak li xehed it-tifel Nicholas Stivala li kien hareg siggu mil-klassi u tela' fuqu u ixxabbat mar-railings biex jittawwal ghall-isfel u eghleb ghall-isfel , x'aktarx li mhux korrett u li it-tifel korra bil-mod kif gie dettaljatament deskritt fix-xiehda ta' Anika Dimech ; igifieri waqt li it-tifel kien niezel it-tarag wara it-teacher tieghu , l-appellanti, u mhux ghax ixxabbat u waqa' ghall-isfel , ghalkemm anki kieku gara hekk , il-konsegwenzi guridici ma kienux ikunu differenti ghax anki dan kien ikun prevedibbli .

Illi l-ewwel Qorti qieset fid-dettall ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fid-dawl tal-principji tad-dritt li jirregolaw l-offizi involontarji fuq il-persuna waslet ghall-konkluzjoni li l-akkadut ma kienx "casus", kif qed targumenta l-appellanti , imma rizultat tan-negligenza taghha meta halliet il-klassi ta' tfal ckejknin wahedha u bla ma talbet lit-teacher jew teachers li kien hemm fil-klassijiet tas-sular ta' fuq vicin il-klassi

taghha ,biex jaghtu daqqa t'ghajn lit-tfal li kellha taht il-kura taghha , sakemm hi ggib il-karti li kellha bzonn mill-ufficcju tas-segretarja li kien fis-sular t'isfel.

Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, kemm kif preseduta kif ukoll diversament preseduta, il-Qorti tal-Appell Kriminali m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , sakemm il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory" .

Illi is-sentenza appellata qieset il-fatturi kollha li wiehed normalment iqis u waslet ghall-konkluzzjoni li kien PREVEDIBBLI mill-appellanti - anki jekk mhux previst - li waqt l-assenza taghha mill-klassi, anki ghal ftit minuti , seta' jigri dak li effettivament gara u xi tifel jew tifla tohog mill-klassi u taghmel xi bicca "mischief" , kif facilment jistghu jaghmlu t-tfal ta' dik l-eta' .

Illi ma hemmx dubju li taht is-sistema legali taghna il-koncett tal-prevedibilita' huwa determinanti biex tirradika ruha il-"culpa" jew eghmil negligenti li jwassal ghas-sinistru , u li jekk l-event dannuz , ghalkemm mhux mixtieq u previst , seta' jigi previst , allura ikun hemm il-"culpa" li twassal ghar-responsabbilta' kriminali ghax kif jghid il-CARRARA (Programma 84) : -

> "il non aver previsto la consequenza offensiva sconfina la colpa dal dolo . Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa."

u kif irriteniet il-Corte di Cassazione Taljana (13.V. 1907 , in Giust. Penale , 1907 , 772) :-

> "e' sempre il concetto della prevedibilita' dell' evento ...quello su cui si fondano , se non esclusivamente , almeno principalmente , e la teorica di diritto e il codice positivo nei reati colposi."

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li hemm kontenut fl-aggravji tal-appellanti , kien hemm certament in-ness ta' kawza w effett bejn l-assenza tal-appellanti mill-klassi u dak li gara u cioe' li tifel ckejken li kien fdat fil-kura taghha, jipprova jinzel it-tarag warajha u jitgerbeb it-tarag b'konsegwenzi serji kif gara. Ghalkemm dan zgur li ma kienx mixtieq mill-appellanti , zgur li setghet ipprevediet li kien seta' jigri u ghalhekk , meta hi ma talbitx l-assistenza ta' xi wahda mit-teachers tal-klassijiet ta' magemba biex sakemm tinzel isfel, jghassulha ghat-tfal taghha ukoll, naqset li tiehu prekawzjoni normali li solitament kienet tiehu - kif anki xehdet hija stess - u li facilment setghet hadet . L-aggravju tal-appellanti li kieku ghamlet hekk kienet tipperikola it-tfal tal-klassijiet l-ohra , apparti li ma jreggix , ghax dak kien is-sistema uzat normalment bejn teachers li jkollhom bzonn jillargaw mill-klassi , huwa addirittura awto-inkolpanti , ghaliex jekk l-appellanti qed tghid li bl-fatt li teachers ohra ikollhom joqghodu attenti ghal-klassi taghha ser ipoggu fil-perikolu it-tfal fil-klassijiet rispettivi taghhom , ahseb u ara kemm kienet qed tpoggi fil-perikolu hi it-tfal fil-klassi taghha meta halliethom kompletament wahedhom anki jekk mhux b' kapricc imma biex tmur iggib xi karti mill-ufficcju .

Umbaghad l-aggravju li kien hemm nuqqasijiet fl-iskola u fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tat-teachers li kienu kostretti li jahdmu sieghat twal bla "relief" u bla ebda assistenza , ghalkemm jidher fondat , ghaliex wara dan l-incident, ittiehdu diversi mizuri kemm biex isahhu is-sikurta' fl-iskola , biex ikun hemm mezz kif it-teachers ta' fuq isejjjhu lis-segretarja fl-ufficcju , u biex ikun hemm xi forma ta' relievers f'certu hinijiet , ghall-massimu seta' ammonta ghal-kon-kawza u negligenza kontributorja da parti tal-awtoritajiet tal-iskola u dawn ma kienux il-kawza esklusiva u determinanti tal-incident , kif kienet kawza determinanti l-assenza temporanja tal-appellanti mit-tfal ckejknin li kienu taht il-kura u kustodja taghha.

Il-"contributory negligence" ma tezonerax li dak li jkun mir-responsabilta' kriminali jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. Pul. vs. P. Vassallo ; Kollez. Vol. XXXVIII , p. 883 u ohrajn.) F'sede Kriminali kull hadd iwiegeb ghall-agir tieghu , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament

u eskluzivament ghal htijiet da parti ta' terzi . (App. Krim. : Pul. vs. Gaetano Schembri , 16.3.61 ; Pul. vs. John Polidano , 3.11.63; Pul. vs. Rev. C. Mifsud , Kollez. Vol. XXXVII , p.1131 u ohrajn)

Ghalhekk in-nuqqasijiet ta' sikurta fl-iskola u kundizzjonijiet iebsin ta' xoghol li qed tilmenta minnhom l-appellanti , ghalkemm verament jirrizultaw , setghu biss iwasslu biex tibbenefika minnhom ghall-fini tal-piena inflitta mill-ewwel Qorti , kif del resto gja qalet u hadet in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta fil-paragrafu dwar il-piena qieset espressament u testwalment : "il-mankanzi da parti tal-awtoritajiet tal-iskola mill-aspett ta' kondizzjonijiet ta' xoghol tal-ghalliema" .

Illi umbaghad il-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta' erba mitt lira (LM400) multa taqa' pjenament entro l-parametri legali , ghaliex skond l-artikolu 226 (1) (a) tal-Kodici Penali, l-ewwel Qorti setghet infliggiet fuq l-appellanti piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elf lira (LM1000) u ,tenut kont tal-konsegwenzi gravi,debilitanti u permanenti li sofra it-tifel Nicholas Stivala, il-piena inflitta mill-ewwel Qorti zgur li ma kienetx wahda sproporzjonata jew esagerata fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

(ft) J. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

27.06.02.